**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2024

**L-Erbgħa 28 ta' Frar, 2024**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Charles Cesare – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku

**ASSENTI**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 3.01 Qari tal-ittri ta’ apoloġija.

3.01.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab u l-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbu li jiġi skużata. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa’ dawn it-talbiet. Il-kelliem żied li l-email tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kienet waslet għand il-Kunsill diġa filwaqt li dik tal-Kunsillier Désirée Vella Brincat, kienet għada ma waslitx, u għalhekk jekk ma tasalx sa qabel tmiem il-laqgħa, din għandha titqies assenti.

3.01.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.01.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.01.4. Ta’ min jinnota li l-email tal-Kunsillier Désirée Vella Brincat, sa tmiem il-laqgħa baqgħet ma waslitx għand il-Kunsill u għalhekk tqieset bħala assenti.

### 3.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/K8/2024.

3.02.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K8/2024 kif ippreżentati.

3.02.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 3.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/K8/2024.

3.03.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K8/2024 kif ippreżentati.

3.03.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 3.04 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0554/24/I** Email mingħand CRPD fejn bagħtu kopja tal-email li ntbagħtet lill-persuna konċernata fejn b'referenza għat-talba tagħha għar-rampa fuq il-bankina f’Misraħ il-Forti bagħtu s-suġġeriment tagħhom ta' x'jista' jsir iżda fakkar li tali xogħol ma jsirx minnhom.

3.04.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0554/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob parir tekniku mill-perit tiegħu. Il-kelliem żied li l-intenzjoni hija li l-Kunsill jgħin fejn jista`, iżda ma jkunx aċċettabbli li jkun hemm intervent fuq il-bankina li jipperikola jew jimpedixxi l-aċċess ħieles tal-passaġġ ta’ min jagħmel użu minnha u għalhekk ippropona ukoll li d-disinn propost mill-KNPD jipperikola l-aċċess liberu u għalhekk mhuwiex aċċettabbli.

3.04.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0247/24/I** Email mingħand IM fejn bagħtu site plan tal-ħruġ minn Triq Gioacchino Le Brun direzzjoni lejn Triq Normandy.

**46/0281/24/I** Site plan emendata tal-ħruġ minn Triq Gioacchino Le Brun direzzjoni lejn Triq Normandy.

**46/0282/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn b'referenza għas-site plan emendata ta' IM informa lill-Kunsill li huwa jaħseb li dak propost jista' isir, kif ukoll li r-residenti konċernata għandhom jiġu infurmata.

3.04.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0247/24/I, 46/0281/24/I u 46/0282/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova d-disinn aġġornat.

3.04.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0335/24/I** Email mingħand AKL dwar Ċir AKL 2024/008 - Personal Accident Policy.

**46/0336/24/I** Email mingħand AKL dwar Ċir AKL 2024/007 - Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

3.04.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0335/24/I u 46/0336/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jara li tiġġedded il-polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

3.04.8 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0460/24/I** Email mingħand The Grid fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jerġgħu jorganizzaw l-attivita' The Grid fil-25 ta' Mejju 2024.

3.04.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0460/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba suġġett li jiġu osservata l-kundizzjonijiet li jsiru kull sena, jiġu provduta d-dokumenti mitluba, u li jaderixxi mal-Green Policy tar-Reġjun Lvant. Il-kelliem ippropona wkoll li għandha tkun Policy tal-Kunsill li b'effett immedjat kull min jorganizza xi attività jintalab jipprovdi garanzija finanzjarja li jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-Kunsill prinċipalment mal-Green Policy tar-Reġjun Lvant, liema garanzija ser tkun marbuta kif ġej : attività b'inqas minn 100 parteċipant ma jintalab xejn, minn 101 sa 500 parteċipant jintalab €200, minn 500 sa 1000 parteċipant jintalab €500, aktar minn 1,000 parteċipant jintalab €1,000 garanzija. Il-Garanzija tiġi rilaxxata biss wara li l-entita' tkun provdiet provi li jissostanzjaw li aderixxew mal-Green Policy fl-intier tagħha.

3.04.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0481/24/I** Email mingħand sid l-ispiżerija fejn talab biex quddiem l-ispizerja l-ġdida li tinsab, 2, Triq Napuljun Tagliaferro issir communal disabled parking bay.

3.04.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0481/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba.

3.04.14 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0490/24/I** Kwotazzjoni mingħand Fire Tech ta' €160.91 għal Speech Dialler 2 Inputs 6 Telephone Contact Numbers.

3.04.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0490/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba.

3.04.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0499/24/I** Email mingħand Project Green fejn bagħtu proposta għal-upgrading tas-sit fejn kien hemm il-bandli u l-parkeġġ ta' Triq l-Imħallef William Harding sabiex jipproċedu bl-approvazzjoni ma' entitajiet oħra.

**46/0501/24/I** Email mingħand Project Green fejn bagħtu l-proposta (disinn) tal-Bandli ta' Triq l-Imħallef William Harding.

**46/1349/24/I** Email mingħand Project Green fejn talbu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex mal-proġett propost jiżdied ukoll is-sit fejn hemm il-ġibjuni fi Triq Burma u Triq il-Mediterran.

3.04.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0499/24/I, 46/0501/24/I u 46/1349/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għad-disinn propost.

3.04.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0515/24/I**
**46/0972/24/I** Email mingħand Science Centre fejn infurmaw lill-Kunsill li bħas-snin l'imgħoddija ser jorganizzaw Science Safari 2024 is-Sibt 16 ta' Marzu 2024 u staqsew jekk il-Kunsill huwiex lest li jipprovdi frott għall-istudenti li ser jipparteċipaw.

3.04.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0515/24/I u 46/0972/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u bħal ma ġara fis-snin preċedenti jiġu provduta bi frotta għal kull parteċipant.

3.04.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0622/24/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn talbu l-feedback tal-Kunsill dwar ‘Green Events Framework: A Sustainability Policy’.

3.04.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0622/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova u jaddotta din il-policy u jara li tiġi addottata kemm fl-attivitajiet tal-Kunsill kif ukoll, kif diġa approvat din ser tkun il-policy tal-Kunsill li għandha tiġi addattata waqt attivitajiet oħra li jseħħu fil-lokal minn terzi inkluż għaqdiet u entitajiet sportivi li jitolbu s-sostenn tal-Kunsill. Il-kelliem żied li fejn attività tkun t’anqas minn 100 persuna, il-parti li tikkonċerna ta’ Health and Safety u risk assessment mhux ser tkun tassattiva, sakemm tali attività’ ma tkunx b’kollaborazzjoni mal-Kunsill.

3.04.26 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0648/24/I** Email mingħand il-Perit Hector Zammit & Associates fejn bagħat pjanta ta' kif qed jipproponi l'issir il-bankina quddiem 57/59 Triq Dun Amabile Sisner, c/ Triq Camillo Sceberras, Pembroke.

3.04.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0648/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għax-xogħol propost, liema bankina issir wara li jagħmlu x-xogħol il-WSC.

3.04.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0320/24/I** Email mingħand Rachel Muscat u Ryan Vella fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw attivita' ta' trakkijiet u karozzi fit-22 ta' Ġunju 2024 ġewwa Pembroke Park & Ride.

3.04.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0320/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, suġġett li jiġu provduta d-dokumenti mitluba, u li jaderixxu mal-Green Events Framework: A Sustainability Policy u l-parametri tal-garanzija bankarja.

3.04.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0619/24/I** Email mingħand Red Cross fejn talbu laqgħa mal-Kunsill sabiex jagħtu spjega ta' servizzi li joffru preżentament.

3.04.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0619/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din l-istedina u għalhekk irrakkomanda l'issir nhar l-Erbgħa 6 ta' Marzu fl-10:00am.

3.04.35 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0718/24/I** Email mingħand ECAD fejn talbu l-appoġġ tal-Kunsill għad-Dikjarazzjoni ta' Oviedo, 2024 Global Initiative on Drug Use Prevention u Global Position Paper on Recovery.

3.04.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0718/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jappoġġja tali dikjarazzjoni.

3.04.38 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0736/24/I** Email mingħand SAS Malta Engineering fejn qed jiktbu għan-nom tal-klijent tagħhom li għandu l-binja 30/32 Triq il-Fortizza sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja relatata ma' permess PA/08768/19.

3.04.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0736/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaqbel li l-garanzija tiġi rilaxxata, kif ukoll li dan għandu jittieħed bħala eżempju ta' prattika tajba għal kuntratturi oħra li jridu jibdlu l-bankina ta' quddiem il-propjeta' taghhom.

3.04.41 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0799/24/I** Email mingħand MTA fejn b'referenza għall-email tal-Kunsill dwar it-tapit tal-bandli fejn weġġat tifla, infurmaw lill-Kunsill li jinsabu fil-proċess ta' tender sabiex jinbidel u staqsew lill-Kunsill jekk il-bandli għandux jibqa' miftuħ jew jingħalaq skond ir-rapport li jsir mill-Inġinier li jagħmel ir-rapport.

3.04.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0799/24/I** fejn ippropona li tali deċiżjoni għandhom jieħduha l-MTA fid-dawl li l-ġnien jaqa' taħt ir-responsabbilita' diretta tagħhom.

3.04.44 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0847/24/I** Email mingħand l-iskola Verdala fejn talbu biex bħala miżuri ta' sewqan eċċessiv fi Triq Cassino jiżdiedu tabelli ta' Speed bumps, tabelli ta' speed limit 20 mile per hour u aktar tabelli li tindika li ġejja skola.

**46/0883/24/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn b'referenza għat-talba tal-iskola Verdala ssuġerixxa li jekk hemm fejn isiru, isiru żewġ tabelli li hemm skola u li ġejja traffic light u minnaħa tal-iskola talab jinstallaw camera biex jkun hemm informazzjoni fuq min qed jikser il-liġi tas-sewqan.

3.04.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0847/24/I u 46/0883/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill mill-ġdid jikkomunika d-deċiżjoni ta' TM li rrifjutat it-talba tal-Kunsill li jkun hemm interventi fuq il-wiċċ tat-triq fiż-żona ndikata. Il-kelliem żied li kemm-il darba hemm lok li jiżdiedu s-sinjali dawn għandhom jiġu kkunsidrati.

3.04.47 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0869/24/I** Email mingħand Pembroke Athleta Football Nursery fejn bħas-snin l-imgħoddija qed jitolbu l-appoġġ tal-Kunsill biex ikun jista' isir il-football festival li ser isir nhar is-Sibt 9 u l-Ħadd 10 ta' Marzu.

**46/0995/24/I** Email mingħand is-Sindku fejn informa l-Kunsill li jaqbel li jgħin fil-limiti li ġew stabbiliti fl-aħħar snin u bl-istess kundizzjonijiet.

**46/1222/24/O** Email lill-Pembroke Athleta fejn ġew mitluba jipprovdu lill-Kunsill aktar informazzjoni dwar l-attivita' inkluż ta' x'qed jistennew mingħand il-Kunsill kif ukoll ġew mistoqijsa jekk il-klabb għamilx Health & Safety u Risk Assessment report.

**46/1341/24/I** Risposta mingħand Pembroke Athleta jinfurmaw lill-Kunsill li din is-sena huwa previst li jipparteċipaw madwar 600 atleta. Fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju għas-Saħħa u s-Sigurtà, in-nursery għandha 4 First Aiders kwalifikati, fejn tnejn jew kollha se jkunu preżenti l-ħin kollu matul dan l-avveniment, dan apparti li l-MFA u l-YFA spezzjonaw il-bini tagħhom, u kkwalifikaw lill-klabb li jista' jospita avveniment simili.

3.04.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0869/24/I, 46/0995/24/I, 46/1222/24/O u 46/1341/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk sa nhar l-Erbgħa 6 ta' Marzu 2024 l-klabb jipprovdi

kopja tal-assikurazzjoni, health & safety u risk assessment report, kif ukoll konferma li ser jaderixxu mal-Green Events Framework: A Sustainability Policy.

3.04.50 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0936/24/I** Email mingħand LGD fejn bagħtu lista ta' Skemi għall-Kunsilli Lokali għas-sena 2024.

- **SPI/SCI/01/2024** - *Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitjiet madwar Malta u Għawdex* **(Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2024);**
- **SPI/SCI/02/2024** - *Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi* **(Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 9 ta' April 2024);**
- **SPI/SCI/03/2024** - *Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa* **(Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2024);**
- **SPI/SCI/04/2024 -** Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali **(Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2024);**
- **SPI/SCI/05/2024 -** Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025 **(Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024).**

**46/0983/24/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn b'referenza ghall-iSkemi għall-Kunsilli Lokali għas-sena 2024 staqsew jekk il-Kunsill hux interessat li japplika għal xi skema.

3.04.52 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0936/24/I u 46/0983/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill juri l-interess tiegħu fl-iskema **SPI/SCI/03/2024** dwar l-indafa li għaliha r-Reġjun ser ikun qiegħed jorganizza ruħu fuq livell Reġjonali. Dwar l-iskemi l-oħrajn, il-kelliem irrimarka li fil-preżent, ix-xogħol skedat għax-xhur li ġejjien hemm fondi allokati għalih.

3.04.53 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0946/24/I** Email mingħand Seg. Parlamentari għall-Gvern Lokali dwar it-tnedija ta' Premju Mara 2023/2024 fejn bagħtu l-formola ta' nominazzjoni u l-linji gwida.

**46/0960/24/I** Email mingħand Seg. Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn b'referenza għall-Premju Mara talbu l-Kunsill jinnominaw mara.

**46/1048/24/I** Nominazzjoni għall-Premju Mara tas-Sinjura Mary Ann Cauchi.

**46/1050/24/I** Nominazzjoni għall-Premju Mara tas-Sinjura Antoinette Aloisio.

**46/1059/24/I** Nominazzjoni għall-Premju Mara tas-Sinjura Mary Salafia.

**46/1098/24/I** Nominazzjoni għall-Premju Mara tas-Sinjura Catherine Aquilina.

**46/1211/24/O** Minħabba li l-iskadenza kienet qabel il-laqgħa tal-Kunsill, intalbet gwida lill-membri tal-Kunsill dwar kif ser imexxi l-Kunsill bin-nominazzjonijiet għall-Premju Mara.

**46/1234/24/I**
**46/1260/24/I**
**46/1271/24/I**
**46/1272/24/I** Emails b'rispons mingħand is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Désirée Vella Brincat, il-Kunsillier Charles Cesare u l-Kunsillier Raymond Lanzon bl-għażliet tagħhom.

**46/1276/24/O** Email lill-Membri tal-Kunsill fejn ġew informata li l-maġġoranza tal-Kunsilliera kienu qed jaqblu li tiġi nnominata is-sinjura Antoinette Aloisio għall-Premju Mara.

3.04.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0946/24/I, 46/0960/24/I,46/1048/24/I, 46/1050/24/I, 46/1059/24/I, 46/1098/24/I, 46/1211/24/O, 46/1234/24/I, 46/1260/24/I, 46/1271/24/I, 46/1272/24/I u 461276/24/O** fejn ippropona li wara l-konsultazzjoni u l-qbil maġġoritarju li kien hemm bejn il-membri, l-Kunsill japprova nominat diġa sottomessa tas-sinjura Antoinette Aloisio għall-Premju Mara. Il-kelliem ippropona wkoll li dawn l-4 persuni għandhom jiġu rikonoxxuti f'Jum il-Lokal.

3.04.56 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1017/24/I** Email mingħand Michael Kyprianou – Law Firm fejn għan-nom tal-kumpanija Galea Cleaning Solutions, intavolaw appell mal-PCRB dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill relatata mat-Tender 03/2023.

**46/1114/24/I** Email mingħand Public Contracts Review Board fejn bagħtu kopja tal-oġġezzjoni għal Tender PLC/T/2023/03 - Tender for Street Sweeping and Cleaning Services in the Locality mingħand Galea Cleaning Solutions JV u talbu li l-Kunsill jipprovdi d-dokumentazzjoni neċessarja.

**46/1308/24/I** Email mingħand ABB Legal fejn bagħtu risposta għall-ittra t'appell li rċieva l-Kunsill għal Tender PLC/T/2023/03 - Tender for Street Sweeping and Cleaning Services mingħand Galea Cleaning Solutions JV.

3.04.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1017/24/I, 46/1114/24/I u 46/1308/24/I** fejn informa lill-Kunsill li diġa kienet ġiet intavolata r-risposta tal-Kunsill u ladarba l-kuntratt il-ġdid mhux ser jiġi iffirmat qabel tmiem l-estenzjoni li kienet saret, il-kelliem ippropona li l-Kunsill iġedded il-kuntratt eżistenti bi 3 xhur oħra jew sakemm jintemm il-proċess tal-appell u jkun jista' jiġi iffirmat kuntratt ġdid.

3.04.59 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1086/24/I** Email mingħand TM fejn b'referenza għall-approvazzjoni ta' parkeġġ riservat għal-persuni bi bżonnijiet speċjali li joqgħod fi Triq Patri Indri Vella, bagħtu l-proposta ta' fejn qed jissuġerixxu l'issir u talbu l-kummenti tal-Kunsill.

3.04.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1086/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni l'issir disabled bay quddiem il-grada tal-garaxx sakemm il-parkeġġ li hemm quddiem l-istess dar ikun jista' jibqa' jintuża.

3.04.62 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1113/24/I** Email mingħand Pembroke Athleta Athletics Thriatlon fejn infurmaw lill-Kunsill bit-28-il edizzjoni tal-Ġirjiet ta' Pembroke li ser isiru nhar il-Ħadd 14 ta' April 2024 u talbu l-għajnuna tal-Kunsill bħas-snin ta' qabel.

**46/1203/24/O** Il-Membri tal-Kunsill ġew infurmata li fis-snin preċedenti, minħabba l-influss kbir li jkun hawn fil-lokal, il-Kunsill kien provda 5 mobile toilets, servizz t'ambulanza, u servizz ta' tabib.

**46/1347/24/I** Kwotazzjoni mingħand Zaren Scicluna għal 5 mobile toilets għall-prezz ta' €125 inkluż il-VAT.

**46/1348/24/I** Kwotazzjoni mingħand Roberta Mifsud għal 5 mobile toilets għall-prezz ta' €120 eskluż il-VAT

**46/1355/24/I** Kwotazzjoni mingħand Global Security Malta għal ambulanza, driver u paramediċi għall-prezz ta' €40.00 is-siegħa eskluż il-Vat.

**46/1365/24/I** Kwotazzjoni mingħand TCB Services għal mobile toilet għall-prezz ta' €25 il-wieħed eskluż il-VAT.

**46/1339/24/I** Kwotazzjoni mingħand Malta Red Cross Services għal ambulanza, driver u paramediċi għall-prezz ta' €54 fis-siegħa.

3.04.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1113/24/I, 46/1203/24/O,46/1347/24/I, 46/1348/24/I, 46/1355/24/I, 46/1365/24/I u 46/1339/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jikkunsidra tali talbiet wara li l-Kunsill ikun ġie provdut b'Health & Safety Report, Risk Assessment Report, Insurance, imdemnity agreement, konferma li dak kollu li hemm fir-rapporti jkun ser jitwettaq mill-organizzaturi kif ukoll qbil li ser jaderixxi mal-Green Events Framework: A Sustainable Policy, u ssir il-garanzija finanzjarja relatata. Il-kelliem ippropona wkoll li għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ no objection ikkundizjonata li jekk tali dokumentazzjoni ma tiġix provduta sa xahar qabel l-attivita', il-permess finali jiġi revokat u null. Il-kelliem ippropona wkoll li dwar mobile toilets għandha tintgħażel irħas offerta u rigward First Aid, għandha tintgħażel (għalkemm mhux l-irħas) dik provduta minn Malta Red Cross.

3.04.65 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1125/24/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn bagħtu kopja tal-preżentazzjoni li saret waqt il-laqgħa dwar WEEE Waste Collection.

**46/1338/24/I** Email mingħand Kunsill Reġjun Lvant fejn staqsew jekk il-Kunsill hux interessat li jkun parti mill-proġett pilota ta' GreenMT.

3.04.67 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1125/24/I u 46/1338/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill f'dan l-istadju għandu jara x'ser jiġri

meta ż-żewġ entitajiet jintalbu jibgħatu l-feedback tagħhom għas-servizz tal-ġbir tal-WEEE.

3.04.68 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1140/24/I** Email mingħand il-Perit Davison fejn qed jikteb għan-nom tal-klijent tagħhom li għandu l-binja 12 Triq Dun Amabile Sisner c/w Triq Ignazio Gavino Bonavita, jitlob li tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja għall-permess PA/1151/21 u issa li qed tinqala' l-bankina mill-WSC mhux ser jibqgħu responsabbli.

3.04.70 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1140/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li tiġi jirrilaxxa din il-garanzija bankarja.

3.04.71 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1226/24/I** Email mingħand il-Perit Michael Anastasi fejn b'referenza ghat-trinka ta' Triq Cassino nforma l-Kunsill li għadhom qed jistennew minnaħa tal-Enemalta.

3.04.73 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1226/24/I** fejn ippropona li l-issa li għaddew kważi sentejn, il-Kunsill għandu jagħti sa massimu ta' xahar mid-data ta' llum u f'każ li ma jsirx progress, l-Kunsill jara li jagħmel dan ix-xogħol huwa u jirriserva d-dritt li jirkupra l-ispejjeż mill-iskola Verdala.

3.04.74 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1229/24/I** Email mingħand il-PA fejn b'referenza għall-oġġezzjoni tal-Kunsill għal PA 7557/23 bini ta' latrini sabiex jintużaw mill-iskola Primarja u l-football pitch informaw lill-Kunsill li ġew sottomessa pjanti ġodda u ġaladarba l-Kunsill qatt ma kien rappreżentant statutorju, skond LN 162/16, l-oġġezzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata.

3.04.76 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1229/24/I** fejn irrakkomanda li l-Kunsill isegwi l-iżviluppi ta' din l-applikazzjoni u f'każ li jkun hemm opportunita` li l-Kunsill jattendi u jgħidu tiegħu, dan għandu jsir fil-ħin opportun.

3.04.77 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni hija Summary Application u għalhekk mhux ser ikun hemm ebda smiegħ pubbliku fejn il-Kunsill ikun jista' jkun preżenti u jressaq l-oġġezzjoni tiegħu.

**46/1233/24/I** Email mingħand Doninu Malta fejn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill Lokali biex tinxtara tinda għall-prezz ta' €150 li tkun bil-logo tal-Kunsill sabiex jintużaw minn tfal b'diżabilita', tfal morda u oħrajn flimkien mal-familji tagħhom meta joħorġuhom ġranet barra fil-kampanja.

3.04.78 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1233/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob aktar informazzjoni dwar din it-talba.

3.04.79 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.80 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1281/24/I** Email mingħand residenta t'ilmenta l'ipparkjat f'kaxxa safra quddiem residenza fi Triq Camillo Sciberras faċċata ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, fejn ma' hemm ebda entratura ta' garaxx, u sid id-dar bdiet tgħajjat magħha li ħadd ma jista' jipparkja għax huwa parkeġġ privat, u staqsiet jekk dan jistax isir.

**46/1282/24/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili fejn jaqbel li din il-kaxxa għandha tinżebagħ kaxxa bajda.

3.04.81 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1281/24/I u 46/1282/24/I** fejn ippropona li jekk kemm il-darba fi żmien jumejn ma jiprovdix provi li jista' jipparkja fil-parapett, il-Kunsill jiżbogħ kaxxa bajda ġaladarba dan l-ispazju ma jagħti għall-ebda fetħa ta' garaxx u ma jintużax għal dak l-iskop.

3.04.82 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-dar inkwistjoni fil-permess hemm indikat li suppost hemm car port, tant li minħabba f'hekk ifrankaw parti mill-DPF.

3.04.83 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.84 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1296/24/I** Kwotazzjoni mingħand Mica Med Ltd. għal dawl ġdid tul Triq Gabriele Henin għall-prezz ta' €21,467.15.

3.04.85 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1296/24/I u** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa u dan fid-dawl li ma kien hemm ebda rispons minnaħa ta' Project Plus dwar il-possibilità' li din tinxtgħel b'mod alternattiv.

3.04.86 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.87 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1325/24/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn talab biex fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ikun diskuss is-suġġett ta' Jum Pembroke 2024.

3.04.88 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1325/24/I u** fejn ippropona li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss f'laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

3.04.89 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.90 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1332/24/I** Email mingħand Pembroke Scout Group fejn b'referenza għall-clean up day li jixtiequ jorganizzaw staqsew jekk hux ser ikun hemm rappreżentanti mill-Kunsill u forsi jiddiskutu mal-membri dwar x'jaħsbu jista' jsir għal Pembroke aħjar.

3.04.91 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1332/24/I** fejn ippropona li jiġu infurmata li ħadd mill-membri tal-Kunsill ma jista' jattendi.

3.04.92 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.93 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1354/24/I** Email mingħand Padel Malta fejn staqsa jekk l-open day tistax issir xi darba Sibt jew il-Hadd filgħodu f'April.

3.04.94 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1354/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan.

3.04.95 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.96 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1372/24/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn ippropona li jsir dawl ġdid fi Triq Mikiel Ang Grima.

3.04.97 Il-Kunsillier Raymond Lanzon għamel referenza għall-korrispondenza **46/1372/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill javviċina lill-kuntrattur biex il-Kunsill jara ma min jistgħu jitwaħħlu lampi fejn hemm dawl nieqes.

3.04.98 Is-Sindku Dean Hili ssekonda

3.04.99 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1373/24/I** Email mingħand TCTC fejn bagħtu l-proposta għas-Sajf 2024 dwar kors ta' innovazzjoni diġitali għat-tfal.

3.04.100 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1373/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jistax jaċċetta minħabba li s-sala tintuża mill-anzjani.

3.04.101 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.102 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1378/24/I** Email mingħand J&K Contractors fejn bagħat il-parir tekniku dwar x'jista' jsir fit-taraġ li jagħti min Triq Juno għal Triq Tunis sabiex jitneħħa l-periklu.

3.04.103 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1378/24/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li jsir dan ix-xogħol.

3.04.104 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.04.105 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1361/24/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn bagħtna kopja t'artiklu dwar il-każ ta' tfajla Ukrena li ġiet ipparalizzata f'kunċert u ħadet kumpens ta' €551,589. Għalhekk huwa mportanti li qabel il-Kunsill ma jikkommetti ruħu għal xi attivita', għandhom jintalbu dawk ir-rapporti kollha relatata ma' saħħa u sigurta', risk assessment u indemnity agreement.

**46/1384/24/O** Email mibgħuta lil ABB Legal fejn tlabna parir dwar il-ftehim li joħroġ il-Kunsill għal xi attivitajiet sabiex jeżonara ruħu minn kull responsabbiltà f'każ li jinqala xi ħaġa

3.04.106 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1361/24/O u 46/1384/24/O** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jsegwi l-eżitu tal-parir li jistgħu jagħtu l-avukati tal-Kunsill.

3.04.107 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.108 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04.109 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda lill-Kunsill li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq Pietro Rosell fejn jiġu infurmata bil-proġett tad-dawl li ser isir, liema xogħol huwa previst li jibda fil-jiem li ġejja u l-lampi huwa previst li jeħlu f'April li ġej.

3.04.110 Is-Sindku Dean Hili ippropona li r-residenti għandhom jiġu infurmata.

3.04.111 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.112 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04.113 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hemm problema fis-sistema tad-dranaġġ tal-uffiċċju amministrattiv u kien hemm bżonn li tiġi irranġata asap.

3.04.114 Is-Sindku Dean Hili ippropona li dan ix-xogħol għandu jsir.

3.04.115 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.04.116 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.04.117 Il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li jiġi irranġat il-ħajt tas-soft area li hemm fi Triq Cassino c/m Triq Camillo Sceberras.

3.04.118 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

3.04.119 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

3.05.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 3.06 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

3.06.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 02/2024** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 02/K8/24 u 03/K8/24 **(Ara Dok. 1)**

3.06.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 02/2024** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

3.06.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.06.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.07 Ħruġ t'offerti: Upkeep & Maintenance of Road Markings u Professional Services of Contracts Manager u tiġdid ta' servizz ta' Cash Collection.

3.07.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li t-tenders għal-Upkeep & Maintenance of Road Markings u Professional Services of Contracts Manager għandhom jinħarġu peress li ser jiskadu fl-aħħar ta' Mejju 2024, filwaqt li s-servizz ta' Cash Collection, u Leasing of Multifunctional Printer jiġu mġedda, u l-Kunsill

jikkommunika maż-żewġ skemi GreenPak u Green MT dwar is-servizz tal-ġbir tal-WEEE u s-servizz tal-Ibins.

3.07.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.07.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.08 Laqgħa tal-lokalita'.

3.08.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li skond l-Att, il-laqgħa tal-lokalita' trid tinżamm sa qabel il-15 ta' April 2024.

3.08.2 Is-Sindku Dean Hili ippropona li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2024 fl-4:00pm.

3.08.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

3.08.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

3.09.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 2, 3, 4 u 5)**

3.09.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, minbarra l-kont tal-Yama Yami għax-xahar ta' Ġunju 2023 peress li s-superviżjoni mhux issir kif mistenni inkluż li ritratti mitluba tax-xogħlijiet li saru fix-xahar indikat, għadhom ma waslux, magħhom jiżdiedu ukoll, il-kont ta' Paul Magri minħabba kontestazzjoni li qed jagħmel il-Kunsill, u Animal Health & Welfare Department.

3.09.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

3.09.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3.10 Mozzjonijiet.

3.10.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 3.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

3.11.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-19:50pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2024 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 26 ta' Marzu, 2024**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 02/2024** **28 ta' Frar 2024**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 02/K8/24 u 03/K8/24

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 28 | 2024 | Mica Med | Tlabna tiġi rranġata lampa W099 Triq Anzac bejn dar 7 u 9 |
| 29 | 2024 | B. Grima and Sons | Tlabna biex issiru t-tabelli li jipparkjaw bl-exhaust pipe l-ġewwa lejn ċint Triq Bice Mizzi Vassallo |
| 30 | 2024 | IBIS Group | Tlabna biex tiġi id-diskonektjata l-access control ta' l-uffiċċju tal-Kunsilliera |
| 31 | 2024 | J&K Contractors | Tlabna biex issir patching ġewwa Triq Patri Indri Vella |
| 32 | 2024 | Joe Abdilla | Għamilna ordni tal-ktieb |
| 33 | 2024 | Mica Med | Tlabna jigu rranġati żewġ lampi Triq Mikiel Ang Grima W050 u W051 |
| 34 | 2024 | B. Grima and Sons | Tlabna biex jinbidlu xi tabelli Triq Gabriele Henin u Triq il-Mediterran |
| 35 | 2024 | J&K Contractors | Tlabna issir manutenzjoni tal-funtana tar-roundabout u manutenzjoni tal-coping fil-passagg bejn Juno u St. Michaels |
| 36 | 2024 | Global Tech | Maintenance CCTV Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta |
| 36 | 2024 | J&K Contractors | Tlabna issir manutenzjoni tal-katusa ta' dranagg gewwa l-Kunsill. |
| 37 | 2024 | Global Tech | Tlabna tigi ccekjata s-sistema tal-cameras tal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta. |
| 38 | 2024 | B. Grima and Sons | Tlabna tinżebagħ loading u unloading bay quddiem il-BIS ta' Triq Gabriele Henin kif ukoll jitneħħew il-parkeġġi neċessarja, Jiġu rranġata l-parkeġġi quddiem il-bus stop il-ġdid fi Triq Gabriele Henin u ssir junction box quddiem il-gate tal-iskola fi Triq Gabriele Henin. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg